QALA

Ref Nru: 32

Il-minuti tat-tnejn u tletin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 15 ta' Jannar 2010, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-wiehed u tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-wiehed u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Il-gazzetta tal-Kunsill, serje C harga numru 10.**

3.1 Is-Sindku ppropona li ghandha tinhareg il-gazzetta tal-Kunsill serje C harga numru 10. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku talab lil Vici Sindku u l-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom. Huwa informahom ukoll li minn irid jikteb artiklu iehor barra l-messagg taghhom jistghu jaghmlu dan.

**4 Merhba lill-Kunsillier is-Sur Jesmond Borg – Responsabilitajiet.**

4.1 Is-Sindku f'isem il-Kunsill ta' merhba lill-Kunsillier il-gdid is-Sur Jesmond Borg. Huwa spejgalu li kull Kunsillier ghandu r-responsabilijiet tieghu u ghalhekk huwa illum nghata r-responsabilijiet tieghu.

**5 Ix-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.**

5.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin qed issir. Huwa semma li l-gimgha d-diehla huwa ser ikollu laqgha mal-Perit tal-Kunsill Edward Xerri, ma Din l-Art Helwa u ma Leli Saliba il-haddiem li qed jaghmel ix-xoghol ta' restawr, fejn isir diskussjoni sabiex dan ix-xoghol jigi ffinalizzat din is-sena.

**6 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (hot rolled asphalt) ta' Triq it-30 t'Ottubru 1948, - it-tieni kisja tarmak.**

6.1 Is-Sindku semma li gew solvuti il-problemi dwar il-levellar tat-triq it-30 t'Ottubru 1948 u ghalhekk issa ser tinghata t-tieni kisja tarmak (*hot rolled asphalt*).

**7 Tkomplija tax-xoghol ta' *picnic area* – progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.**

7.1 Is-Sindku semma li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali l-Onorevoli George Pullicino dwar talba ghal xi sigar u *gazebo* ghall-*picnic area* li bhalissa qed isir ix-xoghol fuqu bhala parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikrezzjoni fl-*area* maghrufa bhala ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Il-Ministru accetta din it-talba. Is-Sindku semma li ser isir applikazzjoni dwar xi skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghal dan il-progett.

**8 Is-serata Premju Unur Gieh il-Qala 2009.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-programm tas-serata Premju Unur Gieh il-Qala 2009 li din is-sena ser jinghata lil Kunsillier Anthony Camilleri li miet nhar id-29 t' Ottubru 2009.

**9 Intervisti tal-vakanza ta' skrivan (skala 15).**

9.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva madwar sittin (60) C.V. ghal-vakanza ta' skrivan (skala 15). Ser jinhatar bord sabiex jaghmel l-intervisti lill-kandidati li applikaw ghal din il-vakanza.

**10 100 sena mit-twelid tas-Sur Anton Buttigieg PEP is-Surmastru.**

10.1 Is-Sindku semma li nhar il-Hadd 24 ta' Jannar 2010, l-quddiesa ta' l-10:00 ta' fil-ghodu ser tkun ddedikata lis-Sur Anton Buttigieg PEP is-Surmastru ghall-eghluq tal-mitt sena mit-twelid tieghu. Wara ser isir cerimonija zghira fejn jitqeghdu l-bukketti tal-ward fejn il-monument tieghu li jinsab fi Triq il-Papa Piju IX. Il-Kunsill ser jibghat l-ittri lill-ghaqdiet tal-lokalita` sabiex dak in-nhar jigu u jpoggu bukkett ward fejn il-monument tieghu.

**11 Tindif tal-Latrini Pubblici – kif sejrin bis-sistema l-gdida.**

11.1 Is-Sindku semma li sejrin tajjeb bit-tindif tal-latrini pubblici li qed isir minn Anthony Cutajar il-kuntrattur tat-tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix. Saret zieda ta' saghtejn kuljum lil dan il-haddiem sabiex ikun jista` jnaddaf iz-zewg latrini pubblici dik ta' Triq il-Wardija u dik li tinsab fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsillier Jesmond Borg ssuggerixxa li ghandhom isiru l-kuntatti mehtiega dwar ghaliex il-latrina pubblika l-gdida li tinsab fi Triq it-28 t'April 1688 ghadha ma nfethetx. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar dan.

**12 Ghotja ta' €25,000 ghar-restawr tal-bini ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima u trasformazzjoni f'Muzew Folkloristiku.**

12.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Giorgiana Mallia Segretarja Bord ta' l-Evalwazzjoni Skema Fondi ghall-Progetti Specjali mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn semmiet li permezz ta' l-applikazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill intaghzel bhala wiehed mill-lokalitajiet li ser jibbenefika mill-fondi allokati ghall-progetti specjali u ghalhekk il-Kunsill ser jinghata €25,000 ghar-restawr tal-bini ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima u transformazzjoni f'Muzew Folkloristiku. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Alison Zammit ghal Fred Bezzina Direttur Ezekuttiv fil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita` li huma ma jaqblux mal-pjanti ta' l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp li ssottomessa l-Kunsill ghal dan il-progett peress li mhux ser ikun hemm *lift*. Is-Sindku semma li l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp tal-Kunsill ghal dan il-progett ser titla l-bord tal-MEPA.

**13 Hrug ta' diversi skemi mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said.**

13.1 Giet trattata *memo* 90/2009 mibghuta min James Catania ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall Gvern Lokali dwar Skemi ta' Fondi Specjali 2010 mahruga mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu japplika ghal dawk l-iskemi li jghoddu ghalih.

**14 Tqassim ta' dokumenti lis-Sindku, Vici Sindku u Kunsillieri permezz ta' l-*email*.**

14.1 Giet trattata *memo* 1/2010 mibghuta mid-Direttur Natalino Attard tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar tqassim ta' dokumenti lill-Kunsillieri. Ghalhekk issa l-korrispondenza ser tibda tintbghat lis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri permezz ta' l-*email*.

## 15 Materji ohra.

15.1 Is-Sindku semma li l-attivita tal-Karnival 2010 ser issir nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010, fis-7:00 ta' fil-ghaxija. Din l-attivita ser tkun tinkludi f'danzi minn diversi kumpaniji, kompetizzjonijiet u l-kukkanja.

15.2 Is-Sindku semma li ser titwahhal *see-saw* fi gnien Magistrat Salvu Attard, minflok il-*merry-go-round* li hemm. Dan ser issir peress li kienet giet mibghuta *memo* mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex dawn it-tip ta' *merry-go-rounds* jitnehhew.

15.3 Il-Kunsillier Jesmond Borg ressaq zewg ilmenti. Ilment minnhom dwar it-trukkijiet li jibqghu jghaddu mill-lokalita` tard bil-lejl. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra lill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar dan. Ilment l-iehor sabiex issir il-*patching* mehtieg fi Triq il-Wileg. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan ix-xoghol.

15.4 Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Francis Borg li huwa haddiem assenjat mal-Kunsill fejn talab sabiex il-granet tal-*vacation leave* tas-sena 2009 li ma giex mehud jigu akkumulati ghal ma din is-sena jigifieri mas-sena 2010. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.5 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

15.6 Is-Sindku semma li s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg ghandha xi granet mill-*vacation leave* tas-sena 2009 li ma giex mehud. Ghalhekk gie mitlub l-permess tal-Kunsill sabiex dawn il-granet jigu akkumulati ghal ma din is-sena, jigifieri ghas-sena 2010. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

15.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar r-rapport fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 07810/06 mahrug mill-awditur ta' l-Awtorita`. Giet trattata stqarrija li harget il-Kummissjoni Interdjocesana Ambjent bin-numru 122/2009 dwar dan. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Editur ta' *The Malta Independent on Sunday* dwar kjarifiki ghal artiklu li deher f'din il-gazzetta.

15.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali Ite ad Joseph fejn sar ringrazzajment lil Kumitat tal-Banda li permezz tas-Surmast Direttur tal-Banda ikkompona Innu Muzikali ddedikat lil Kunsill Lokali.

15.9 Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand Alex Mercieca *Managing Director* tal-*Mercieca Financial Investment Services Ltd.* (*Laferla Insurance Agency Ltd.*) dwar ammont ta' €69.09 dovut lilhom. Is-Sindku semma li dan l-ammont ma kienx gie mhallas peress li l-Kunsill kien qabbel il-kontijiet mal-kwotazzjoni taghhom u nstab li dan l-ammont kien zejjed. Il-Kunsill qabel li dan l-ammont m'ghandux jithallas.

15.10 Il-Kunsill kien ircieva tlett kwotazzjonijiet ghat-tizjin bid-dwal tal-Milied fi Triq it-28 t' April 1688, Qala, minghand Carmelo Portelli Segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph' f'isem din l-ghaqda, Joseph Mizzi li joqghod '*Charmar*', Triq it-30 t'Ottubru 1948,

Qala u Francis Xuereb li joqghod ‘Xuereb Family’, Triq il-Qala, Qala. Il-Kunsill studja l-prezzijiet li gew offruti u wara dan unanimament iddecida li tigi maghzula l-kwotazzjoni ta’ l-Ghaqda Muzikali ‘Ite ad Joseph’.

15.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mill-1 t’ Ottubru 2009 sal-31 ta’ Dicembru 2009 u mill-1 ta’ Jannar 2010 sal-15 ta’ Jannar 2010, minn referenza numru 166/09 sa referenza numru 193/09 u minn referenza numru 1/10 sa referenza numru 04/10.

**16 Korrispondenza.**

16.1 Gew trattati *memos*, ittri, applikazzjonijiet u rapporti tad-decizjonijiet li gejjien:

16.2 *Memo* 84/2009 u ittra mibghuta mid-Direttur Natalino Attard tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar l-Allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2010.

16.3 *Memo* 86/2009 u ittra mibghuta minn Silvio Frendo ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-*memo* dwar hlas ta’ *performance bonus* u l-ittra dwar talba ghall-informazzjoni dwar stabbilimenti kummercjali li qed joperaw fil-lokalitajiet. Il-Kunsill bghat l-informazzjoni mitluba fl-ittra.

16.4 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said, dwar Ko-finanzjament ghal Progett ta’ l-Unjoni Ewropea u li l-Kunsill gie allokat €3,005 bhala ko-finanzjament bil-kundizzjoni li l-progett tal-Kunsill ikun approvat mill-Awtorita` li maghha applika l-Kunsill.

16.5 Ittra mibghuta mis-Segretarju Joseph Muscat tal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex dwar Triq gdida fi Triq Wied Simar. Il-Kunsill iddecida li din it-triq ghandha tinghata l-isem Triq ta’ Hatar peress li l-*area* ta’ madwar din it-triq hekk tissejjah.

16.6 Kopja ta’ ittra li D. Busuttil ghal Perit Lara Demicoli *Manager* tat-Taqsima ghall-Immaniggjar tat-Traffiku fl-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta bghatet lil Martin Mifsud li joqghod 33, Triq is-Salib, Qala fejn gie nformat li l-applikazzjoni tieghu ghal *Reserved Parking Bay* intlaqghet mill-Awtorita` ghal zmien sena.

16.7 Ittra mibghuta minn Betty Berry *Centre Manager* tal-Gozo SPCA, dwar stqarrija tas-17 ta’ Novembru 2009.

16.8 Ittra mibghuta minn John B Camilleri, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Marsaskala, bhala ringrazzjament tal-hsieb u ghas-simpatija li wera l-Kunsill Lokali Qala ghat-telfa ta’ missieru.

16.9 Applikazzjonijiet godda ghal permess ta’ zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numri 04826/09, 04827/09, 04943/09, 03840/09 u 05035/09 L-applikazzjoni bin-numru 03840/09 hija *re-issued*. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta’ l-

Awtorita`, dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 04826/09 u PA 04827/09. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet l-ohra fuq imsemmija.

16.10 Rapporti tad-decizjonijiet tal-laqghat tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja tal-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saru nhar is-17 u l-24 ta' Novembru 2009 u l-1 ta' Dicembru 2009.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2010.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |